Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/82**

tal-21 ta' Jannar 2015

li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 u ta' rieżamijiet interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

(ĠU L 15, 22.1.2015, p. 8)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Avviż li jikkonċerna d-dazju antidumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Bidla fl-indirizz ta' kumpanija soġġetta għal rata tad-dazju antidumping individwali 2017/C 391/03	C 391	3	18.11.2017

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/82

tal-21 ta' Jannar 2015

li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 u ta' rieżamijiet interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

Artikolu 1

1. Dazju antidumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku u d-deidrat taċ-ċitrat tat-trisodju li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2918 14 00 u ex 2918 15 00 (kodiċi TARIC 2918 15 00 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju antidumping definittivi applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u magħmula mill-kumpaniji elenkati hawn taħt ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju antidumping definittiv %	Kodiċi addizzjonali TARIC
COFCO Biochemical (Anhui) Co., Ltd. — No 1 COFCO Avenue, Bengbu City 233010, Anhui Province, PRC	35,7	A874
Laiwu Taihe Biochemistry Co., Ltd. — No 106 Luzhong Large East Street, Laiwu City, Shandong Province, PRC	15,3	A880
RZBC Co., Ltd. — No 9 Xinghai West Road, Rizhao City, Shandong Province, PRC	36,8	A876
►M1 RZBC (Juxian) Co., Ltd — No 209 Laiyang Road, Juxian Economic Development Zone, Rizhao City, Shandong Province, PRC ◄	36,8	A877
TTCA Co., Ltd. — West, Wenhe Bridge North, Anqiu City, Shandong Province, PRC	42,7	A878
Weifang Ensign Industry Co., Ltd. — No 1567 Changsheng Street, Changle, Weifang, Shandong Province, PRC	33,8	A882
Jiangsu Guoxin Union Energy Co., Ltd. — No 1 Redian Road, Yixing Economic Development Zone, Jiangsu Province, PRC	32,6	A879
Il-kumpaniji l-oħra kollha	42,7	A999

3. Minkejja l-paragrafu 1, id-dazju antidumping definittiv ma japplikax għal importazzjonijiet rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-Artikolu 2.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

▼B

Artikolu 2

1. L-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera li huma mogħnija b'fattura minn kumpaniji li l-impenji tagħhom ġew aċċettati mill-Kummissjoni u li l-ismijiet tagħhom tniżżlu fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/87, jiġu eżentati mid-dazju antidumping impost bl-Artikolu 1, bil-kundizzjoni li:

(a) ikunu mmanifatturati, mibgħuta u nħarġitilhom fattura direttament mill-kumpaniji msemmija lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni; u

(b) dawn l-importazzjonijiet għandhom fattura tal-impenn li hija fattura kummerċjali li fiha tal-inqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament, u

(c) il-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jikkorrispondu bl-eżatt mad-deskrizzjoni li jkun hemm fuq il-fattura tal-impenn.

2. Fil-mument ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, jitqies li hemm dejn doganali:

(a) kull meta jkun stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet elenkati f'dan il-paragrafu mhumiex issodisfati; jew

(b) meta l-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tal-impenn tagħha skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 permezz ta' Regolament jew Deċiżjoni li jirreferu għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara l-fatturi tal-impenn rilevanti bħala invalidi.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

L-elementi li ġejjin ikunu indikati fil-fattura kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ tal-kumpaniji fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti li huma soġġetti għall-impenn:

1. L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA L-MERKANZIJA SOĠĠETTA GĦAL IMPENN".
2. L-isem tal-kumpanija li qed toħroġ il-fattura kummerċjali.
3. In-numru tal-fattura kummerċjali.
4. Id-data tal-ħruġ tal-fattura kummerċjali.
5. Il-kodiċi addizzjonali tat-TARIC li skontu l-prodotti fil-fattura għandhom jiġu kklerjati mid-dwana fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea.
6. Id-deskrizzjoni preċiża tal-prodotti, fosthom:
   — in-numru tal-kodiċi tal-prodott (NKP) użat għall-għan tal-impenn,
   — deskrizzjoni b'lingwa sempliċi tal-prodotti li jikkorrispondu man-NKP ikkonċernat,
   — in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),
   — il-kodiċi TARIC,
   — il-kwantità (li trid tingħata f'tunnellati).
7. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, fosthom:
   — il-prezz għal kull tunnellata,
   — it-termini tal-pagament applikabbli,
   — it-termini tal-konsenja applikabbli,
   — ir-roħs u l-iskonti totali.
8. L-isem tal-kumpanija li tagħmilha ta' importatur fl-Unjoni Ewropea li lilha l-kumpanija toħroġ direttament il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-prodotti soġġetti għal impenn.
9. L-isem tal-uffiċjal tal-kumpanija li ħareġ il-fattura kummerċjali u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

   "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn l-Unjoni Ewropea tal-prodotti koperti minn din il-fattura qed isir fil-kamp ta' applikazzjoni u skont il-kondizzjonijiet tal-Impenn offruti minn [KUMPANIJA], u aċċettati mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/87. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."